MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Numru 194/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs.**

**MIKE AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mike Agius ID 598782 (M) iben Joseph u Mary nee' Lughermo mwieled Pieta' fid-29/10/1982 u residenti gewwa Blk A, Flt 1, Triq San Nikola, Valletta.

Billi huwa akkuzat talli fis-6 ta' Settembru, 2009 ghall-habta ta' bejn it-08.30pm u d-09.30pm gewwa Hal-Qormi u l-Marsa m'obdiex l-ordinijiet legittimi tal-Pulizija, u cioe' ta' PC 191 u ta' PC 729,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija li huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil PC 729 li hu membru tal-Korp tal-Pulizija, nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, griehi ta' natura hafifa, skond kif iccertifika Dr. S. Camilleri M.D. Med.Reg.No.1771 mic-centru tas-sahha ta' Floriana,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra PC 729 sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara,
U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil PC 729 jibza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu,

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZ3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 17, 338(ee), 96, 95, 221(1), 339(1)(d), 251B u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Mike Agius, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Mike Agius ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Mike Agius jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Mike Agius b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ PC 729 u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mike Agius l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------